**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 4 ta' Frar 2020

Rikors Numru: 270/19 AL

**AB**

**VS**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti u li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi r-rikorrenti kienu żżewġu fit-tlietu u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) skond ċertifikat taż-żwieġ (anness u mmarkat Dok A) u minn dan iż-żwieġ twieled tifel wieħed, illum maggiorenni;

2. Illi l-partijiet ilhom isseparati de jure għal aktar minn erba' snin kif jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet in atti Nutar Dottor

Claire Falzon datat erba u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) (anness u mmarkat Dok B);

3. Illi m'hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom għal diversi snin ma jgħixux flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi r-rikorrenti tiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment.

5. Illi l-esponenti tirrileva illi hija tixtieq tirriverti għal kunjom xbubitha u ċioe 'Borg';

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza lil AB sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha "S";

3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

Illi l-intimat jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u li l-istess rikorrenti kkonfermat fir-rikors taghha, u cioe` li dina l-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikoli 66C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponent ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Illi inoltre, l-intimat ma jsibx oggezzjoni li r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe "S".

Illi, ghar-ragunijiet suesposti l-intimat qieghed jirrimetti ruhhu ghas-savju gudizzju ta' dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Lulju, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mill-24 ta' Settembru, 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Illi ir-rikorrenti talbet fir-rikors guramentat taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u u cioe' "S" u fir-risposta tieghu l-intimat iddikjara illi mhuwiex qieghed joggezzjona ghal din it-talba, il-Qorti qegħda tilqa` din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni kollha meħtieġa f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' S, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taz-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.